**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 48**

**Il-ĦAMIS 23 ta' OTTUBRU 2014 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI – SINDKU |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNUAD | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier M. Fava kien skużat minħabba raġunijiet ta'xogħol u l-Kunsillier P. Fenech kien skuzat peress li kien jinsab imsiefer.

**Is-Sindku qal it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINTUI

Il-Minuti tas-Seduti Nru. 46 u 47 ġew approvati hekk kif gew emmendati. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier R. Rossignaud issekonda.

## II RAPPORT TAS-SINDKU

1. Is- Sindku pprezenta rapport idettaljat tal-ħidma tiegħu mill-aħħar Seduta. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

2. Huwa rrefera għall-pjan li tigi nstallata Zebra Crossing fi Triq is-Swieqi; wara diskuzzjoni gie deċiz li jibdew jingabru l-kwotazzjonijiet hekk kif approvata mit-Transport Malta. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel dan.

3. Is-Sindku rrefera għall-pjan li jiġi mwaqqaf Post Office fil-bini ta' Ċentru Ċiviku hekk kif kien pjanat. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li wara li tinħareġ sejħa għall-offerti u jintgħażel l-applikant; dan għandu jkun responsabbli mill-bini ta' l-istrittura ta' reception area, tidnif tal-bin, jkollu metre apparti għalih għall-użu ta' dawl u l-ilma u kera ta' €1,500 fis-sena. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4. Huwa rrefera għall-kont pendenti tal-kuntrattur li installa l-Outdoor Gym fejn informa li dan issa ilu pendenti għal diversi xhur peress li l-Kunsill għadu qed jistenna l-fondi mwiegħda lilu mill-Kunsill Malti għall-Isports. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li dwar din il-materja għanda tiġi organizzata laqgħa ma' l-Onor. Chris Aguis. Is- Sindku ħa l-inkarigu li jiddiskuti din il-materja f' din il-laqghħa.

5. B' referenza għall-Quarterly Report ipprezentat mis-Segretraju Eżekuttiv; is-Sindku nforma li saret laqgħa ma' l-accountant tal-Kunsill fejn dan spjega fid-dettal dan ir-rapport u saru xi aġġustamjenti. Għal din il-laqgħa kienu preżenti ukoll is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier A. Curmi. Matul din il-laqgha, il-Kunsillier A. Curmi staqsa ghall-verifikazzjoni dwar l-ammont globali ta' l-allowances li inghataw lill-Kunsillieri f' Gunju tas-sena 2014 peress li r-rapport kien qed jirrifletti li kull kunisllier inghata din l-allowance. Is- Segretarju Ezekuttiv rega' ikkonferma li saru l-aggustamenti relatati ma' din il-materja. Ġie deċiż li dan ir-rapport jjiġi approvat. Is- Sindku ppropona u il-Kunsillier A. Curmi ssekonda.

   Is- Sindku nforma li matul din il-laqgħa, l-Accountant spjega kif tinsab bħalissa il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. Huwa nforma li minħabba l-kont ta' €43,000 li l-Kunsill ġie ppenelizzat li jħallas, minħabba li tilef il-kawza tal-Qorti dwar il-pjanti ta' Triq il-Keffa, il-Kunsill mhux ser jkollu fondi biżżejjed biex jibda' x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni bi tarmak fi Triq il-Marbat. Din it-triq huwa pjanat li tiġi tiswa' €90,000 u l-ħlas tagħha jkun maqsum €45,000 malli jkun lest ix-xogħol u €45,000 l-oħra sena wara l-ewwel ħlas.
   Wara diskuzzjoni fit-tul, ġie deċiż li dawn ix-xogħlijiet ma jibdewx għalissa.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier spjega l-passi li ittieħdu dwar l-ilment li sar minn residenta fuq il-paġna tal-Facebook dwar it-tindif tal-culvert fi Triq is-Sidra. Huwa nforma li mar fuq il-post indikat u huwa stess iċċekja jekk dawnx ġew imnaddfa. Hu għamel kuntatt mal-kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet fejn dan infurmah li diga' ġew mnaddfa pero' se jerġa' jmur fil-post sabiex jinqata' xi ħaxix li seta' jimbokka il-culvert.

2. Huwa staqsa jekk hux possibli tiġi organizzata laqgħa ma' l-Alberta' sabiex kulħadd jkollu l-opportunita' li jkun jaf kif jitħaddmu l-cameras tas-sigurta' li huma installati fil-madwar ta' Centru Civiku. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jiffissa dan l-appuntament.

3. Il-Kunsillier informa li huwa għandu appuntament mal-Perit tal-Kunsill dwar kif tista' tiġi mqassma aħjar għat-traffiku ż-żona ta' fejn il-Forex Ironmongery. Is-Sindku nforma li huwa wkoll se jkun preżenti għal din il-laqgħa.

4. Rigward it-Timed Parking fi Triq il-Qasam ħdejn iż-żona tal-ħwienet; huwa rringrazzja lil kull min ħadem biex dawn is-sinjali ġew installati.

5. Huwa rrefera għall-entratura tas-Swieqi (minn Triq is-Swieqi), fejn talab sabiex tiġi akkwistat kwotazzjoni għall-kostruzzjoni ta' ħajt. Is- Segretraju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jagħmel dan.

6. Il-Kunsillier nforma li diversi residenti qed jilmentaw li ta' spiss qed jingħataw ċitazzjonijiet talli jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet tagħom stess. Il-Kunsillier M. Abela nfurmat li fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun; se tqajjem dan il-punt.

7. Rigward is-soft area fiż-żona tal-High Ridge; il-Kunsillier talab sabiex issir appuntament mad-Dipartiment ikkonċernat sabiex din l-area tiġi kkultivata bi pjanti staġjonali.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier infurmat li xi residenti kkuntattjawha sabiex jinfurmawha li minkejja li ċemplu diversi drabi f' ħinijiet differenti lill-Għassa tal-Pulizija, din kienet tinsab magħluqa. Is- Sindku nforma li jista' jkun li f' dawk il-ħinijiet, il-Pulizija stazzjonati fl-Għassa jkun fuq ronda barra. Għaldaqstant ġie deċiż li fil-laqgħa li jmiss ma' l-Assitent Kummissarju tiġi diskussa din il-materja.

2. Hija staqsiet jekk ġewx infurmati l-Pulizija dwar l-attivitajiet li jkun hawn fil-lokalita' fil-lejl ta' Halloween. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li l-Kunsillier A. Curmi pprepara dokument bit-toroq kollha indikati l-aktar li jkunu frekwentati f' dan il-lejl u huwa għaddiha lill-Ispettur T. Micallef.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier C. Said – tkompli

3. Hija nfurmat li bl-għajuna tal-helpers; ġew ppjanati 3 ħargiet għar-residenti li se jsiru hekk kif indikat hawn taħt:

   28.10.14 – *Quddies fil-Knisja tal-Manikata u wara breakfast fil-Mellieha Bay Hotel*
   25.11.14 – *Quddies fid-Dar tal-Providenza u wara zjara Limestone Heritage*
   16.12.14 - *Quddies fil-Knisja tal-Mosta, wara zjara lil-presepju fir-Razzett l-Antik u lunch fil-Pergola Hotel.*

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li diveri residenti tal-Madliena staqsew jekk il-Kunsill hux se jorganizza xi attivitajiet marbutin ma' Halloween. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Kunsill ma jorgnizzax attivitajiet marbutin ma' din il-festa imma dawk kollha li jridu jorganizzaw xi attivita' b' mod responsabbli jistgħu jagħmlu dan mingħajr ma joħolqu xi inkonvenjenza għar-residenti. Hija ssuġeriet biex dawk residenti li jixtieq jipparteċipaw fi Trick or Treat iżejjnu xi ħaġa mal-faċċata tad-djar tagħhom b'hekk kull min jkun qed jdur fit-toroq jkun jaf min huwa nterressat li jipparteċipa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Rigward il-ħajt ta' Busietta Gardens; hija staqsiet sabiex il-kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet jibgħat stima. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkariga li jinforma lill-Kuntrattur.

3. Hija rreferiet għax-xogħlijiet pendeti ta' Triq l-Inġinier. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li huwa kull nhar ta' Tnejn jfakkar lill-Inġinier N. Ellul rigwrad din il-materja u dan jinfurmah li x-xogħlijiet għadhom irridu jiġu approvati mic-Chairman. Hija talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħaddilha numru ta' dan l-Inġinier sabiex hija wkoll tkun tista' ċċempillu.

4. Hija nfurmat li saret laqgħa ma' l-uffiċċjali ta' Transport Malta dwar il-one way ta' Triq il-Mekekk fejn dawn informawha li t-traffic managment se jsir fuq bażi ta' prova għall-xahar. Hija nfurmat wkoll li ghal din il-laqgha kien hemm prezenti wkoll is- Sindku u l-Kunsllier A. Curmi.

5. Il-Kunsillier infurmat li kellha laqgħa ma' l-Avukat Fenech Adami dwar storbju eċċessiv li qed jkun hemm fil-Madliena Cottage li għaliha kienu preżnti wkoll xi membri tal-Kumoitat Amministrattiv. Hija nfurmat li dal-waqt se ssir laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn dan se jiġi nfurmat wkoll b' din is-sitwazzjoni. Għal din il-laqgħa se jkun hemm preżenti s-Sindku.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Abela- tkompli

6. Hija nfurmat li l-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena se jorganizza tour mal-Forti tal-Madliena nhar is-Sibt 15 ta' Novembru 2014. Ir-residenti li jixtiequ jipparteċipaw se jkunu mitluba jibgħatu sms lilha jew lis-Sur S. Stilon, il-Viċi Chairperson. Din il-ħarġa se tkun irriklemata fuq il-paġna tal-Facebook.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier irrefera għall-kont li hemm mniżżel fuq l-iskeda tal-pagamenti nru.80 ta' l-avukat Dr. R. Fenech Adami. Huwa staqsa sabiex l-Avukat jibgħat il-kont tiegħu fuq letterhead uffiċċjali. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li dan l-ewwel jibgħat il-kont permezz ta' email u imbagħad jibgħat il-kont uffiċċjali tibgħatu bil-posta li issa jinsab mehmuż ma' din l-iskeda.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi żvillupi ġodda rigward id-Directional Signs li jindikaw id-direzzjoni għall-postijiet importanti fil-lokalita' Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li dawn diġa' ordnati.

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku nforma li f' dal-aħħar ġranet ġew ippublikati s-sejħiet għall-offerti tal-Collection of Mixed Household Waste kif ukoll għall-iżvillup ta' Tennis Court fi Triq il-Ħemel. Id- data ta' l-għeluq ta' dawn iż-żewġ sejħiet hija nhar it-Tnejn 3 ta' Novembru 2014 f' nofs in-nhar. Il-Viċi Sindku ppropona li jinħatar Bord ta' l-aġġdukazzjoni peress li s-Sur Robert Fenech li qabel kien iħejji l-aġġudikazzjonijiet, ma jistax jkompli jagħme dan minħabba problemi ta' saħħa. Għaldasqtant ġie deċiż li dan il-bord jkun magħmul minnu, mill-Kunsillier A. Chetcuti u l-Memmbru G.Leone Ganado. Il-Kunsill unaniment qabel ma' din il-ħatra.

2. Huwa nforma li wasal biex jiffinalizza d-dokunemt għas-sejħa għall-offerti għall-kiri ta' Post Office. Fil-waqt li se jibda' jaħdem fuq id-dokumenti tat-tenders ta' sinjali u tabelli tat-traffiku, tas-servizz ta' Perit kif ukoll ta' manutenzzjoni tal-ġonna.

3. B' referenza għall-korsijiet li qed jiġu organizzati mill-Kunsill b' kolloborazzjoni mal-Lifelong Learning, huwa nforma li dawn bdew u hemm 94 persuna li qed jattendu b' mod regolari.

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Viċi Sindku – ikompli

4. Il-Viċi Sindku rrefera għall-każ ta' Silas Ltd. fejn dan kellu jagħti data ta' meta se jibda' u jispiċċa ix-xogħol ta' tarmak li fadal mil-Pilot Project tal-Madliena. Hu nforma li l-Kunsill għadu mhux infurmat b' dawn id-dati u li l-kuntrattur ikkonċernat qed jistaqsi biex inaqqas il-valur tal-garanzija bankarja. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li l-garanazija bankarja ta' €12,000 ġiet imġedda sa 6 ta' Novembru 2014 u li din tiġi biss irilaxxata meta jitlestew ix-xogħlijiet kollha.

5. Rigward l-attivitajiet li pjanati li se jiġu organizzati fil-Milied, huwa nforma li kellu laqgħa mal-helpers u li fis-Seduta li jmiss se jippreżenta l-programm.

## II APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

1. Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.80 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( AppB), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati minn barra dawk li ghad irridu jsiru xi kjarifikazzjonijiet.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is- Segretarju Eżekuttiv qara korrispondeza li ntbagħtet lill-Kunsill permezz ta' email mill-Kunsillier M. Fava. Din il-korrispondeza se tkun mehmuza ma' dawn il-Minuti bħala App. C.

   F' din il-korrispondenza, il-Kunsillier issuġerixxa sabiex il-konferenza dwar l-abbuż tad-droga li kienet pjanata li titella' mill-Kunsill f' Novembru, tiġi organizzata fl-aħħar ġimgħa ta' Jannar jew fil-bidu ta' Frar tas-sena d-dieħla peress li minħabba ħafna attivitajiet importanti oħra li għandu l-uffiċċju tal-President mhux se jkun possibli li din titella' f' Novembru. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

2. Huwa rrefera għall-kwotazzjoni li s-Segretarju Eżekuttiv irċieva minngħand kuntrattur dwar il-bikes racks. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li jiġu ordanti 3 settijiet ta' 3 li jammontaw għal €157 il-waħda. Aktar 'il quddiem, il-Kunsill għandu jiddentifika xi postijiet fejn dawn jistghu jiġu nstallati.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm pererss li kien hemm nuqqas ta' qourum
u sar aġġornament
għal nhar il-Ħamis 13 ta'Novembru 2014 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**